

Suġġett

Preliminārjament, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE (Każ COMP/F/38.354 — Boroż Industrijali) u, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) RKW SE u JM Gesellschaft für industrielle Beteiligungen mbH & Co. KGaA huma kkundannati għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 96, 22.04.2006.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2011 — Low & Bonar u Bonar Technical Fabrics vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-59/06) (¹)

("Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Ksur uniku u kontinwu — Multi — Ċirkustanzi attenwanti — Rowl passiv — Proporzjonalità — Trattament ugħwali — Ġurisdizzjoni sħiħa")

(2012/C 6/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Low & Bonar plc (Dundee, l-Iskozja, ir-Renju Unit); u Bonar Technical Fabrics NV (Zele, il-Belġju) (rappreżentanti: L. Garzaniti, avukat, M. O'Regan, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, A. Nijenhuis u S. Noë, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2004, rigward proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż Industrijali), li tikkonċerna akkordju fis-suq tal-boroż industrijali tal-plastik, kif ukoll, sussidjarjament, talba għall-annullament jew-għar-riduzzjoni tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

(1) L-ammont tal-multa imposta permezz tal-Artikolu 2(l) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru

2005, rigward proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż Industrijali), hija ffissata għal EUR 9.18 miljuni.

(2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

(3) Il-Kummissjoni Ewropea, Low & Bonar plc u Bonar Technical Fabrics NV għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(¹) ĠU C 86, 08.04.2006.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2011 — Stempher u Koninklijke Verpakkingsindustrie Stempher vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-68/06) (¹)

("Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Preskriżzjoni — Prova tal-ksur")

(2012/C 6/14)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Stempher BV (Rijssen, il-Pajjiżi l-Baxxi); u Koninklijke Verpakkingsindustrie Stempher CV (Rijssen) (rappreżentanti: J. de Pree u E. Pijnacker Hordijk, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, A. Nijenhuis u S. Noë, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament parżjali tat-talba ta' tibdil tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, rigward proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż Industrijali), hija annullata sa-fejn tirrigwara lil Stempher BV u Koninklijke Verpakkingsindustrie Stempher CV.

Dispożittiv

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, rigward proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż Industrijali), hija annullata sa-fejn tirrigwara lil Stempher BV u Koninklijke Verpakkingsindustrie Stempher CV.

(2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 96, 22.04.2006.